QORTI CIVILI PRIM' AWLA

ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.

Illum il-Gimgha, 2 ta' Frar 2001

Numru 10
Citaz. Nru. 2455/97 FDP

Formosa & Camilleri Ltd., bhala agenti Malta tas-socjeta` estera Guardian Royal Exchange Assurance Plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha s-socjeta` Michael Attard Limited

Vs

Sea Malta Company Limited, bhala armaturi tal-bastiment Senglea;
u
The Cargo Handling Co. Ltd.

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li gie pprezentat fis-27 ta' Ottubru 1997 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` Michael Attard Limited importat minn Franza erbgha u erbghin (44) vettura tal-marka Peugoet li gew trasportati ghall-vjagg lejn Malta fuq il-bastiment Senglea (Dok A);

Illi meta l-importatur mar jiehu l-konsenja tal-vetturi wara li l-bastiment wasal Malta fl-10 ta' Dicembru 1996 (Dok. B), irrizulta li kien hemm n-nuqqas u l-hsarat li huma indikati fis-Schedule ta' l-Information Form datat 12 ta' Mejju 1997 redatt mis-surveyor ta' l-Institute of London Underwriters (Dok. C) u fl-invoice ta' tlett pagni datata 11 ta' Frar 1997 (Dok. D) kif ukoll jirrizultaw fil-Gate Pass Out bin-Numru A 33451 datat 11 ta' Dicembru 1996 (Dok E);

Illi l-vetturi importat kellhom kopertura assigurattiva mas-socjeta` attrici, l-istess socjeta` attrici, kif obbligata, ghan-nuqqas u l-hsarat li garrabv l-importatur, hallset is-somma ta' elf mitejn tnejn u tmenin lira sittin centezmu (Lm1282.60) li minnhom erbgha u sittin lira (Lm64) kienu survey fees u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet ta' l-importatur (Dok. F);

Illi s-socjetajiet konvenuti huma responsabbli ghan-nuqqas u hsarat fuq riferiti, u ghalkemm interpellati biex jassumu responsabilita` ghad-danni, baqghu inadempjenti (Dok. G sa J);

Talbet ghalhekk is-socjeta attrici lil din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghan-nuqqas u hsarat fuq riferiti;

2. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mitejn u tnejn u tmenin lira u sittin centezmu (Lm1282.60) li minnhom erbgha u sittin lira (Lm64) kienu survey fees in linea ta' danni subiti mill-importatur u surrogati lis-socjeta` attrici bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni, fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi;

Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Dr Joseph Zammit Mckeon, bhala rapprezentant tas-socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited tal-5 ta' Gunju 1998, fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici inkwantu diretti kontra l-konfront s-socjeta` konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u stante li l-merkanzija *de quo* giet sbarkata

minn fuq il-vapur bil-hsara u bin-nuqqasijiet u dan kif irrizulta mill-Joint Tally Sheets Nri. 73277 u 73278 annessi man-nota ta' l-eccezzjonijiet u mmarkati bhala Dok. A u Dok. B rispettivament;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, ghandha tigi esebita l-polza ta' assigurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lill-importatur u ghandu daqstant iehor jigi esebit ic-*cheque* li bih sar l-allegat paqament mis-socjeta` attrici lis-socjeta` importatrici;

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, ghandu jigi ppruvat li l-hsarat u n-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici sehhew waqt illi l-vetturi mertu tal-vertenza odjerna kienu fil-kustodja u that il-kontroll assolut u supervizjoni tas-socjeta` konvenuta u li l-istess vetturi gew ikkonsenjati lis-socjeta` konvenuta ezenti mill-istess hsarat jew nuqqasijiet;

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` konvenuta hija ezenti minn kull responsabbilita u dan ai termini ta' l-Artikolu 70 tar-Regolamenti tal-Port ta' l-1966 (kif emendati permezz ta' l-Avviz Legali Nru. 28/73) li jistipola li "*… in the case of unit load or unitised cargo, the Director of Ports or his Contractor may, subject to the provisions of this regulation, give a receipt for the quantity only of unit load received from the ship*". U ai termini ta' l-Att IX ta' l-1973, unit loan jinkludi *inter alia*, "…

*Vehicles rolled on or off a ship".* Ghaldaqstant, galadarba s-socjeta\` konvenuta taghti biss ricevuta tal-kwantita, hija ma tista qatt tkun responsabbli ghan-nuqqasijiet u l-hsarat dedotti fic-citazzjoni attrici, peress illi kkonsenjat lill-importatur l-istess ammont ta' karozzi li gew sbarkati f'idejha;

5. Illi fil-hames lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta\` konvenuta hija ezenti minn kull responsabbilita u dan ai termini ta' l-Artikolu 90 u l-Iskeda Tlettax (13) tar-Regolamenti tal-Port ta' l-1966, liema artikolu jipprovdi *inter alia* li r-responsabbilita ta' merkanzija li tigi mahzuma jew stivata fil-berah hija ta' sid l-istess merkanzija, [vide f'dan il-kuntest Ray Micallef vs Godwin Abela (Appell Kumm 16/3/92), u Reginald Micallef vs Godwin Abela (16/3/92)];

6. Illi fis-sitt lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta attrici m'hijiex responsabbli ghall-hsarat u n-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici stante li hija qdiet l-obbligi kollha imposti fuqha mil-ligi;

7. Illi fis-seba' lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta' danni dedott fic-citazzjoni attrici huwa eccessiv u ghaldaqstant ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont;

8. Illi fit-tmien lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ebda imghax ma huwa dovut, stante li s-socjeta` konvenuta qatt ma giet interpellata biex thallas ebda ammont ta’ danni, u li siccome din si tratta kawza ta’ danni, il-likwidazzjoni ta’ l-ammont tigi determinata bis-sentenza finali;

9. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, it-talbiet attrici, in kwantu diretti kontra s-socjeta` konvenuta, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rispinti bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Godwin Abela, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-Sea Malta Company Limited tat-8 ta' Gunju 1998 fejn gie eccepit:-

Fl-ewwel lok in-nuqqas ta’ responsabbilita tas-socjeta` Sea Malta Company Limited peress li ma saru ebda danni lill-merkanzija filwaqt li l-istess merkanzija kienet f’idejn is-socjeta` Sea Malta Company Limited;

Fit-tieni lok, u fi kwalunkwe kaz, u bla pregudizzju ghas-suespost, id-danni reklamati ma jirrizultawx kollha mit-Tally Sheet rilevanti,

kopja ta' liema hi hawn annessa u mmarkata Dokument SM2;

Fit-tielet lok il-klawsola ta' l-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu ghat-tenur ta' liema l-konvenut ma hux responsabbli ghad-danni reklamati;

Fir-raba' lok li t-talba ta' l-attur hija infondata fil-fatt u fil-ligi u ghandha tigi michuda;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess socjeta` konvenuta, il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti esebiti;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lid-difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi kif jidher mill-polza tal-karigu (Dok A - fol 6) is-socjeta` Michael Attard Limited importat konsenja karozzi tal-marka Peugeot minn Franza li tghabbew fuq il-bastiment *SENGLEA* fis-6 ta' Dicembru 1996. Skond l-istess polza ta' karigu jirrizulta li tghabbew 42 vettura u mhux 44

vettura kif premess fic-citazzjoni, pero` aktarx li dan huwa zball ghax effettivament jidher li gew zbarkati u kkonsenjati 44. Dan jirrizulta kemm mit-Tally Sheets (fol 28/29, u 36/37) kif ukoll mill-Gate Pass Out;

Illi meta l-vetturi tghabbew fuq il-bastiment dawn gew indikati fuq il-polza tal-karigu bhala *"New Vehicles in Good Starting Condition".* Ma tnizzlet ebda rimarka negattiva;

Responsabbilta' tas-Sea Malta Company Limited:-

Meta imbaghad waslu Malta u gew zbarkati, waqt it-tallying gew innutati is-segwenti nuqqasijiet/hsarat (vide Tally Sheets 73277 u 73278):

Vettura Nru: 51697630 - no rear wiper
Vettura Nru: 94571609 - right door dented & mudguard slightly dented, wiper blade missing;

Illi George Zammit, skrivan mas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited, fl-affidavit tieghu ikkonferma li t-tally sheets in kwistjoni gew kompilati minnu u countersigned mit-tally clerk tal-vapur Anthony Gravina;

Illi allura jidher li dawn il-hsarat/nuqqasijiet sehhew waqt li l-vetturi kienu fuq il-bastiment u ghalhekk isegwi li ghandha taghmel tajjeb ghalihom is-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited.

Il-Qorti pero` tosserva illi fuq l-invoice mahruga minn Michael Attard Limited (Dok D fol 9-11) ma gietx indikata l-vettura Nru 94571609 u ghalhekk, ladarba mhux qed jintalbu danni fil-konfront ta' din il-vettura, is-socjeta` Sea Malta m'ghandhiex tigi kkundannata thallas ghalihom;

Illi ghalhekk is-socjeta` Sea Malta Company Limited ghandha thallas l-ammont ta' Lm7.42 rapprezentanti d-danni rigwardanti l-wiper blade nieqsa fil-vettura 51697630;

Dwar l-eccezzjonijiet tas-Sea Malta Company Limited:-

Illi s-socjeta` Sea Malta Company Limited eccepiet fl-ewwel lok illi hija mhux responsabbli peress li ma saru ebda danni lill-merkanzija waqt li kienet f'idejha. Din l-eccezzjoni, kif gie pruvat mill-Joint Tally Sheets, hija infondata;

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni, li d-danni reklamati ma jirrizultawx kollha mit-Tally Sheet rilevanti, dana diga gie kkunsidrat mill-Qorti, kif fuq spjegat;

Illi fir-rigward tat-tielet eccezzjoni, u cioe` il-klawsola ta' ezoneru, il-Qorti tirrileva li kif gie spiss ritenut fil-gurispudenza nostrana, klawsola ta' ezoneru ma tezonerax lid-debitur meta jkun hemm vjolazzjoni ta' kuntratt jew dover, u jekk jigu stipulati espressament biex jezentaw mid-dolo jew mill-kolpa gravi/lievi, dawn

ikunu nulli peress li huma kuntrarji ghall-principju generali ta' morali bazi ta' ordni pubbliku;

Illi dwar ir-raba' eccezzjoni, li t-talba ta' l-attur hija infondata fil-fatt u fil-ligi, il-Qorti ma tarax li dan huwa l-kaz;

Responsabbilta' tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited:-

Illi meta l-vetturi kienu se jigu rtirati mis-socjeta` importatrici, gew innutati nuqqasijiet/hsarat ulterjuri, li tnizzlu fuq il-Gate Pass Out (fol 49):

Missing: 1 cig. lighter
1 CD changer
2 R/wiper complete
4 Hand Books

Damages: 2 F bumper rubber
1 front bumper
2 L front door dents
1 bonnet dented
1 R front door
1 running board dented
1 R F wing
1 R rear door

Illi Mark Mifsud, delivery clerk mas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited ikkonferma li l-

Gate Pass Out gie kompilat minnu stess u countersigned minn John Falzon, rapprezentant tas-socjeta` importatrici. Fl-affidavit tieghu John Falzon xehed illi l-istess hsarat li huma imnizzla fuq il-Gate Pass Out huma dawk li huma mnizzla fl-invoice mahruga mis-socjeta` Michael Attard Limited. Il-Qorti pero tosserva li l-lista ta' tiswijiet indikati fuq l-invoice tinkludi xi hsarat/nuqqasijiet li m'humiex indikati fuq il-Gate Pass Out u allura mhux ser tiehu konjizzjoni taghhom;

Illi il-hsarat/nuqqasijiet imnizzla fuq il-Gate Pass Out (minbarra dawk imnizzla fit-Tally Sheets) sehhew waqt li l-merkanzija kienet fil-kustodja tal-Cargo Handling. Il-Qorti, a bazi tal-prezzijiet indikati fuq l-invoice tal-hsarat mahruga mis-socjeta` Michael Attard Limited ikkalkulat l-ammont ta' spejjez relattivi ghat-tiswijiet ta' dawn il-hsarat/nuqqasijiet fl-ammont ta' Lm980.87, liema ammont jinkludi ukoll l-ispejjez tal-*labour*. Dawn il-hsarat/nuqqasijiet ghandha taghmel tajjeb ghalihom l-istess socjeta` The Cargo Handling Company Limited;

L-ammont li qed jintalab ghas-survey fees huwa ta' Lm64. Il-Qorti, wara li hadet inkonsiderazzjoni il-proporzjoni ta' danni li ghalih huma responsabbli s-socjetajiet konvenuti, ikkalkulat li l-ammont ta' survey fees li ghandu jigi risarcit lis-socjeta` attrici huwa ta' Lm51, liema ammont ghandu jithallas mis-socjeta` The Cargo Handling Limited;

Dwar l-eccezzjonijiet tal-Cargo Handling Company Limited:-

Illi l-ewwel eccezzjoni taghha, li l-merkanzija giet zbarkata minn fuq il-bastiment bil-hsarat, mhix sostenibbli, hlief fir-rigward tan-nuqqasijiet/hsarat indikati fuq il-Joint Tally Sheet, li ghalihom ovvjament mhix ser tigi kkundannata taghmel tajjeb;

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni taghha, fejn hija tinsisti li ghandhom jigu esebiti l-polza ta' assikurazzjoni u c-cheque li bih sar il-pagament, il-Qorti ma thossx li dan hu necessarju ladarba hemm id-dikjarazzjoni guramentata tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici u l-affidavit ta' Mark Micallef (claims surveyor mas-socjeta` attrici) li jikkonfermaw illi s-socjeta` attrici hallset l-ammont ta' Lm1282.60 lis-socjeta` importatrici;

Illi dwar it-tielet eccezzjoni, il-Qorti tirrileva illi mid-dokumenti jidher ampjament car liema kienu dawk il-hsarat/nuqqasijiet li sehhew waqt li l-vetturi kienu fil-kustodja tas-socjeta` The Cargo Handling. Il-Qorti mhix ser tikkundanna lis-socjeta` konvenuta biex taghmel tajjeb ghat-tiswijiet kollha dedotti fic-citazzjoni, izda biss ghal dawk li kellhom isiru fir-rigward ta' dawk il-hsarat/nuqqasijiet li sehhew fuq il-vetturi waqt li kienu fil-kustodja taghha;

Illi dwar ir-raba' eccezzjoni, fejn gie invokat l-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966, (kif emendat bl-avviz legali 28/73) li jghid li d-direttur tal-Port jew il-kuntrattur tieghu huma responsabbli biss ghal numru ta' unit loads, il-Qorti ma jidhrilhiex li dan l-artiklu ghandu jezenta lill-Cargo Handling mir-responsabbilta ghall-hsarat li jistghu jigru lill-oggetti elenkati bhala units. Il-fatt li l-vetturi huma ikkonsidrati bhala units ma jfissirx li l-Cargo Handling tista tikkonsenja vetturi zarmati mill-accessorji taghhom;

Illi dwar il-hames eccezzjoni, fejn gie eccepit Artikolu 90 tal-Port Regulations dwar il-fatt li l-importatur jaf li l-merkanzija tinhazen *in the open and always at the sole risk of the owner*, il-Qorti tirrileva li dan ir-regolament jikkoncerna d-Direttur tal-Portijiet biss u mhux lill-kuntrattur tieghu ukoll. Barra min hekk, anke kieku kellu jitqies li dan ir-regolament japplika ukoll ghas-socjeta` konvenuta, xorta ghandu jkun hemm il-minimu tad-diligenza. Wiehed irid jiddistigwi bej oggetti abbandunati f'xi ghalqa u oggetti mahzuna "*fil-berah*" imma taht kustodja;

Illi dwar is-sitt eccezzjoni, u cioe` li s-socjeta` konvenuta qdiet l-obbligi imposti fuqha mil-ligi, il-Qorti tirrileva illi huwa obbligu ta' l-istess socjeta` li tassigura li l-vetturi jigu kkonsenjati lis-socjeta` importatrici fl-istess stat ta' kif irceviethom meta nizlu minn fuq il-bastiment. Dan ma kienx il-kaz;

Illi dwar is-seba’ eccezzjoni, li l-ammont ta' danni mitlub huwa eccessiv, il-Qorti tirrileva li is-socjeta` konvenuta mhix ser tigi kkundannata taghmel tajjeb ghal hsarat/nuqqasijiet li mhix responsabbli ghalihom;

Illi dwar it-tmien eccezzjoni, il-Qorti tiddikjara li dan ghandu jiddekorri mid-data tan-notifika tac-citazzjoni;

Illi d-disa eccezzjoni hija infondata peress li gie pruvat illi is-socjeta` The Cargo Handling Company Limited hija responsabbli ghal xi hsarat/nuqqasijiet;

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Talba limitament u tiddikjara lis-socjetajiet konvenuti responsabbli ghal parti mill-hsarat/nuqqasijiet fuq riferiti;

Tilqa t-Tieni Talba limitament u tikkundanna lis-Sea Malta Company Limited thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba’ liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm7.42); filwaqt li tikkundanna lis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, wiehed u tletin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm1031.87) (Lm980.87 + Lm51 survey fees); u bl-interessi li jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tac-citazzjoni;

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` The Cargo Handling Company Limited.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur